MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 188/2009

**Ann-Marie Ciantar (ID0042541A) u Matthew Calleja (ID 0230790M).**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-23 ta' Marzu 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Eleanor Attard *sive* Attard Ogilvie (ID 0347771M) u zewgha Gordon Ogilvie.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Anne Marie Ciantar et datat 27 ta' Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi bi ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti, l-atturi silfu lill-konvenuti s-somma komplessiva ta' hamsa u hamsin elf u

mija u erbghin ewro (€55,140), tali self sar f'zewg transazzjonijiet.

Illi l-ewwel pagament kien ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf mitejn u sebghin ewro (€37,270), u sar permezz ta' *bank transfer* minn kont bankarju tal-attrici Ann-Marie Ciantar fil-Bank of Valletta *favur joint account* tal-konvenuti; dan is-self gie debitament rikonoxxut permezz tal-iskrittura (annessa u mmarkata Dok "A"), kif ukoll permezz tal-verbal tas-26 ta' Novembru 2008 tal-process tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1730/2008, (kopja legali annessa bhala Dok "K").

Illi fuq tali self, *ai termini* ta' Dok "A", il-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu imghax ta' sebgha fil-mija (7%) b'effett mit-2 ta' Novembru 2007 sat-8 ta' Settembru 2008, meta skont l-istess Dok "A" obbligaw ruhhom li jhallsu imghax ta' 10% fis-sena; l-attrici indipendentement mill-applikabbilta` tal-ligi Kanadiza *o meno* fuq tali promessa, tillimita t-talba taghha ghall-imghax legali massimu permissibbli taht il-ligi Maltija ta' tmienja fil-mija (8%).

Illi sussegwentement, bi ftehim ulterjuri bejn l-atturi u l-konvenuti, l-atturi silfu lill-konvenuti s-somma ta' sbatax-il elf tmien mija u sebghin ewro (€17,870), liema self sar f' valuta estera permezz ta' trasferiment ta' fondi min-naha ta' Clive Ferret, habib tal-attur, fuq istruzzjonijiet tal-attur, akkont tal-attur; u liema transazzjoni ukoll saret permezz ta' *bank transfer.*

Illi l-imsemmi self sar versu intrapriza li ma sehhitx, u ghaldaqstant l-atturi talbu r-rifuzjoni tal-istess fondi; il-konvenuti ghalkemm weghdu l-hlas lura diversi drabi, anke fil-mori tal-mandat ta' inibizzjoni 1730/2008, imma baqghu ma wasslux.

Illi debitament interpellati sabiex iroddu lura l-istess self, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u anzi qeghdin jikkontestaw it-tieni transazzjoni, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghall-fini ta’ gurisdizzjoni, kompetenza u notifikazzjoni ta’ l-atti, jigi dikjarat illi l-intimati qeghdin jirrisjedu l-Kanada, imma li ghandhom assi f’Malta kif jirrizulta minn Dok “A” u “B”.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri fil-konfront tal-attrici Anne Marie Ciantar tas-somma ta’ sebgha u tletin elf mitejn u sebghin ewro (€37,270), b’imghax ta’ sebgha fil-mija (7%) b’effett mit-2 ta’ Novembru 2007 sat-8 ta’ Settembru 2008 u b’imghax ta’ tmienja fil-mija (8) b’effett mit-8 ta’ Settembru 2008 sal-effettiv pagament, u tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu tali somma u imghaxijiet lill-attrici Ann-Marie Ciantar.

2. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri fil-konfront tal-attur Matthew Calleja tas-somma ta’ sbatax-il elf tmien mija u sebghin ewro (€17,870), korrispettiv ta’ self maghmul f’munita estera, bl-imghax legali mit-31 ta’ Ottubru 2008, meta giet intavolata l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja permezz tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1730/2008; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti soldalment ihallsu tali somma u imghaxijiet lill-attur Matthew Calleja.

Bl-imghax u bl-ispejjez legali, inkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1730/2008, bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuti in subizzjoni u bir-riserva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol 4 sa 14 tal-process.

Rat id-digriet tat-23 ta’ Marzu 2009 fejn inhatru l-kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta’ Mejju 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 24 ta’ April 2009 a fol 39 tal-process.

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdu, jekk ghandhom, indirizz tal-assenti intimati, u/jew numru tat-*telephone* jew *fax* jew *email address* tal-istess.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 39 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-26 ta’ Ottubru 2010 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Gianfranco Gauci ghall-atturi u Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li minn naha tieghu nforma l-Qorti li pprova jikkomunka mal-intimati pero` ma kellux risposta. Il-Qorti tat tletin (30) gurnata zmien sabiex l-attur jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata zmien biex jirrispondi u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-24 ta’ Frar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu li jithallsu lura s-sommom mislufa lill-konvenuti kif indikat fir-rikors guramentat. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet silfet lill-konvenuti l-ammont ta’ Lm16,000 ekwivalenti ghal €37,270, liema self sar permezz ta’ bank transfer mill-kont bankarju tal-attrici mal-Bank of Valletta favur il-*joint*

*account* tal-konvenuti (Dok. “D”) u dan gie rikonoxxut mill-intimati permezz ta’ skrittura privata (Dok. “A”) u fuq liema self kellu jiddekorri mghax ta’ 7% mit-2 ta’ Novembru 2007 sat-8 ta’ Novembru 2008 u iktar minn tali data, izda li gie limatat ai fini ta’ dawn il-proceduri ghal dak ta’ 8% . Dan is-self jidher fl-isfond tal-izvilupp li l-intimati kellhom jaghmlu kif spjegat fl-affidavit tal-attrici datat 13 ta’ Mejju 2009. Dan is-self jidher li gie ammess minn Dr. David Farrugia Sacco ghan-nom tal-intimati kif verbalizzat fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2008 (fol. 20) fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1730/2008 decretat fis-26 ta’ Novembru 2008 (Dok. “K).

Illi jirrizulta li dan l-ammont mhux biss ma thallasx lura izda li l-intimati talbu somma ulterjuri ta’ 20,000 Dollari Kanadizi ekwivalanti ghall €17,870 u dan sar bil-mod kif indikat fl-istess affidavit tal-attrici u minn dak ta’ Clive Perret (12 ta’ Mejju 2009 – fol. 52) mill-fondi tal-imsemmi Clive Perret (Dok. “AX 1” u “BX 2”), fuq talba li saret lilu mill-attur Matthew Calleja, b’dan li attwalment huwa l-istess attur Matthew Calleja li ghandu b’hekk relazzjoni mal-intimati, ghaliex il-ftehim ta’ self sar mieghu.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk li t-talbiet attrici gew ippruvati u ma humiex kontradetti bl-ebda prova, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri fil-konfront tal-attrici Ann-Marie Ciantar tas-somma ta’ sebgha u tletin elf mitejn u sebghin ewro (€37,270), b’imghax ta’ sebgha fil-mija (7%) b’effett mit-2 ta’ Novembru 2007 sat-8 ta’ Settembru 2008 u b’imghax ta’ tmienja fil-mija (8) b’effett mit-8 ta’ Settembru 2008 sal-effettiv pagament, u tikkundanna lill-konvenuti solidalment

ihallsu tali somma u imghaxijiet lill-attrici Ann-Marie Ciantar.

2. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri fil-konfront tal-attur Matthew Calleja tas-somma ta’ sbatax-il elf tmien mija u sebghin ewro (€17,870), korrispettiv ta’ self maghmul f’munita estera, bl-imghax legali mit-31 ta’ Ottubru 2008, meta giet intavolata l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja permezz tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1730/2008 sal-effettiv pagament; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu tali somma u imghaxijiet lill-attur Matthew Calleja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------